SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

7 ta' Marzu 2019*

"Servizz pubbliku — Assistent parlamentari akkreditat — Xoljiment ta' kuntratt — Ksur tar-relazzjoni ta' fiduċja — Attivitajiet esterni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Talba għad-danni"

Fil-Kawża T-59/17,

L, irrappreżentat minn I. Coutant Peyre, avukat,

rikorrent,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn Í. Ní Riagáin Düro u M. Windisch, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett, minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tal-24 ta' Ġunju 2016 dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assistent parlamentari akkreditat tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-għoti ta' danni bħala kumpens għad-danni morali li r-rikorrent allegatament ġarrab,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise (Relatur) u R. da Silva Passos, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-22 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent, L, ġie rreklutat mill-Parlament Ewropew fuq talba ta' Membru tal-Parlament (iktar 'il quddiem l-"Membru tal-Parlament Ewropew"). Huwa kien impjegat bħala assistent parlamentari akkreditat (iktar 'il quddiem l-"APA") ta' dak il-Membru tal-Parlament, skont kuntratt li jkopri s-snin 2014 sa 2019.

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

2 Fil-25 ta' Frar 2016, il-Membru tal-Parlament Ewropew bagħat lill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ tal-Parlament (iktar 'il quddiem l-"AHCC"), talba bil-miktub biex jintemm il-kuntratt ta' APA tar-rikorrenti.

3 Fil-21 ta' April 2016, fuq stedina tal-AHCC, ir-rikorrent kien attenda laqgħa li fiha l-AHCC informatu bil-motiv invokat mill-Membru tal-Parlament Ewropew f'talba ta' xoljiment tal-kuntratt ta' APA.

4 Fid-9 ta' Mejju 2016, ir-rikorrent bagħat nota lill-AHCC (iktar 'il quddiem in-"nota tad-9 ta' Mejju 2016") sabiex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu fuq it-talba għax-xoljiment tal-kuntratt ta' APA.

5 Fil-25 ta' Mejju 2016 skont fir-rikors jew fis-26 ta' Mejju 2016 skont ir-risposta, ir-rikorrent ġie mistieden għal intervista mal-AHCC dwar in-nota tad-9 ta' Mejju 2016.

6 Fil-31 ta' Mejju 2016, saret il-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fl-Artikolu 139(3)a, tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg").

7 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2016, il-konċiljatur tal-Parlament ikkonstata li hu impossibbli għall-partijiet li jkomplu bil-kollaborazzjoni tagħhom u temm il-proċedura ta' konċiljazzjoni.

8 Fl-24 ta' Ġunju 2016, il-Parlament innotifika lir-rikorrent bid-deċiżjoni li xxolji l-kuntratt tiegħu ta' APA (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' xoljiment"). F'din id-deċiżjoni, l-AHCC indikat li, "[s]a fejn il-fiduċja [kienet] il-bażi tar-relazzjoni bejn il-[Membru tal-Parlament Ewropew] u [l-APA] [tiegħu], [hija kienet] iddeċied[iet] li [x]xolji l-kuntratt [tiegħu] f'konformità mal-Artikolu 139(1)(d) tal-[Kondizzjonijiet tal-impjieg] minħabba li din il-fiduċja [kienet] inkisret minħabba n-nuqqas ta' osservanza [tiegħu] mar-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni".

9 Fid-19 ta' Settembru 2016, ir-rikorrent ressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), applikabbli għall-aġenti l-oħra permezz tar-riferiment fit-Titolu VII tar-Regolamenti li jinsab fl-Artikolu 117 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, sabiex jikkontesta d-deċiżjoni ta' xoljiment.

10 Permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2017, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ċaħad l-ilment. Huwa osserva li mill-proċess tar-rikorrent kien jirriżulta li, matul il-kuntratt ta' APA, dan tal-aħħar kien eżerċita attività esterna li kienet tikkonsisti fl-eżerċizzju ta' professjoni legali mingħajr l-introduzzjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprovdi li "[l-]uffiċjal li jixtieq jingaġġa f'attività barranija, kemm jekk bil-ħlas jew le, jew li jwettaq xi inkarigu barra l-Unjoni, għandu l-ewwel jikseb il-permess ta' l-Awtorità tal-Ħatra […]". Huwa fakkar, f'dan ir-rigward, li dan l-obbligu kien ċertament magħruf mir-rikorrent, kemm inkunsiderazzjoni tat-taħriġ tiegħu ta' avukat, kif ukoll inkunsiderazzjoni tal-impjieg preċedenti tiegħu mal-Parlament bejn 2005 u 2007, fejn ir-rikorrent kien qed jaffaċċja l-istess problema. Huwa rrileva wkoll li, fil-korrispondenza tiegħu lis-servizzi tal-Parlament, ir-rikorrent kien rrikonoxxa ripetutament li matul l-imsemmi kuntratt huwa kien fil-fatt involut f'attivitajiet oħra, mingħajr rabta mal-obbligi kuntrattwali tiegħu.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

11 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Jannar 2017, ir-rikorrent talab awtorizzazzjoni biex jibbenefika mill-għajnuna legali. Din it-talba ġiet irreġistrata bir-referenza T-59/17 AJ.

12 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' April 2017, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.

13 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Settembru 2017, it-talba għal għajnuna legali ġiet miċħuda.

14 Adita b'talba mressqa mir-rikorrent fuq il-bażi tal-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali ħalliet barra l-isem ta' din il-parti fil-verżjoni pubblika ta' din is-sentenza.

15 Billi l-partijiet ma talbux li tinżamm seduta, skont l-Artikolu 106(1) tar-Regoli tal-Proċedura, u billi qieset li l-informazzjoni fil-proċess tal-kawża kienet ċara biżżejjed, il-Qorti Ġenerali (id-Disa' Awla) iddeċidiet li taqta' l-kawża mingħajr l-istadju orali tal-proċedura, skont l-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

16 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni ta' xoljiment;

– tikkundanna lill-Parlament għall-ħlas ta' "danni morali" fl-ammont ta' EUR 100 000;

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

17 Il-Parlament jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż kollha.

Id-dritt

Fuq it-talbiet għal annullament

18 Ir-rikorrent, fir-rikors, invoka tmien motivi, ibbażati, l-ewwel nett, fuq il-ksur tal-Artikolu 22b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-protezzjoni tal-informaturi, it-tieni nett, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, it-tielet nett, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, ir-raba' nett, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità; il-ħames nett, fuq ksur tad-dmir ta' diliġenza, is-sitt nett, fuq in-nuqqas ta' risposta għat-talba għal assistenza tar-rikorrent u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-"dritt tal-konċiljazzjoni", fis-seba' nett, nuqqas ta' aċċess għal dokumenti u, it-tmien nett, fuq użu ħażin ta' poter.

19 Fl-istadju tar-replika, ir-rikorrenti jqajjem id-disa' motiv, ibbażat fuq tkeċċija inġusta.

20 Għandu jiġi eżaminat, qabel kollox, it-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

21 Ir-rikorrent isostni, essenzjalment, li l-Parlament wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li r-rabta ta' fiduċja setgħet ġiet miksura minħabba n-nuqqas ta' dikjarazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward ta' allegati "attivitajiet esterni" imwettqa minnu.

22 Ir-rikorrent isostni, f'dan ir-rigward, li l-Membru tal-Parlament Ewropew kien konxju mill-attivitajiet inkwistjoni, li kienu mwettqa fuq struzzjonijiet tiegħu, f'ismu u huma ta' natura qarrieqa. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, huwa manifestament żbaljat li l-Parlament ikkunsidra li l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet kien ta' natura li twassal għal telf ta' fiduċja ta' dak il-membru fil-konfront tiegħu.

23 Ir-rikorrent iżid li l-Parlament wettaq qari parzjali tan-nota tad-9 ta' Mejju 2016. Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament iqis li huwa "rrikonoxxa" l-eżistenza ta' attivitajiet esterni billi dawn l-"attivitajiet" inħbew, jiġifieri l-fatt li dawn l-attivitajiet kienu s-suġġett ta' ilment mal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku [kunfidenzjali[1]] u mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li kienu twettqu fuq ordni tal-Membru tal-Parlament Ewropew, li kien għalhekk jaf. Huwa jsostni li, fid-dawl tal-kuntest li fih dawn seħħew, ma jistgħux jikkaratterizzaw it-telf ta' fiduċja msemmi minn dan il-Membru Parlamentari fid-deċiżjoni ta' xoljiment. Għaldaqstant, meta semma' l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet bħala raġuni ta' telf ta' fiduċja, il-Parlament wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

24 Il-Parlament iwieġeb li APA jkollu obbligu statutorju li jsegwi ċerta proċedura amministrattiva, jiġifieri l-awtorizzazzjoni tal-AHCC, sabiex jeżerċita attività esterna. Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' xoljiment hija mmotivata minn ksur irreparabbli tar-relazzjoni ta' fiduċja bejn ir-rikorrent u l-Membru Parlamentari Ewropew minħabba n-nuqqas ta' osservanza mir-rikorrent tal-obbligi ta' rapportar dwar l-attivitajiet esterni tiegħu skont l-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal.

25 Il-Parlament jenfasizza, f'dan ir-rigward, li, fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2013, L vs Il-Parlament (T-317/10 P, EU:T:2013:413, punti 68 sa 70), il-Qorti Ġenerali qieset li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' fiduċja ma kinitx ibbażata fuq elementi oġġettivi u kienet eskluża min-natura tagħha mill-istħarriġ ġudizzjarju, peress li l-Qorti Ġenerali ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-AHCC, "iżda llimit[at] ruħha li titstħarreġ jekk il-fatti li jkunu wasslu għad-deċiżjoni mill-istituzzjoni [kienux] materjalment eżatti". Dan huwa l-każ f'din il-kawża. Ir-rabta ta' fiduċja bejn il-Membru tal-Parlament Ewropew u r-rikorrent ġiet miksura minħabba l-fatt li r-rikorrent wettaq attivitajiet esterni bi ksur tal-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Parlament jenfasizza, l-ewwel nett, li huwa paċifiku li r-rikorrent la talbu u lanqas ma rċieva ebda awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività esterna konformement mal-imsemmija dispożizzjoni. Sussegwentement, matul il-laqgħa tiegħu mal-AHCC u mal-konċiljatur, ir-rikorrent ammetta diversi drabi li eżerċita attivitajiet bħal dawn. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent espressament ikkonferma l-eżistenza ta' attivitajiet esterni fin-nota tad-9 ta' Mejju 2016.

26 Il-Parlament josserva, f'dan ir-rigward, li, skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi stabbilit li l-amministrazzjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti ta' natura li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni meħuda abbażi ta' din l-evalwazzjoni, l-provi, li għandhom jiġu prodotti mir-rikorrent, għandhom ikunu suffiċjenti sabiex iwaqqgħu l-plawżibbiltà tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-amministrazzjoni. Fi kliem ieħor, il-motiv ibbażat fuq żball manifest għandu jiġi miċħud jekk, minkejja l-provi ppreżentati mir-rikorrent, l-evalwazzjoni kkontestata tista' xorta tiġi ammessa bħala ġġustifikata u koerenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2012, Mocová vs Il-Kummissjoni, F-41/11, EU:F:2012:82, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, ir-rikorrent ma pprovda ebda prova li setgħet iċċaħħad il-plawżibbiltà tal-konklużjonijiet tal-Parlament.

27 Skont l-Artikolu 139(1)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, "[i]ndipendentement mit-tmiem tal-impjieg minħabba mewt, l-impjieg ta' assistent parlamentari akkreditat għandu jintemm […] b'qies tal-fatt li l-fiduċja hija l-bażi tar-relazzjoni professjonali bejn il-Membru u l-assistent parlamentari akkreditat tiegħu, fl-aħħar tal-perjodu ta' notifika speċifikat fil-kuntratt […]".

1 Informazzjoni kunfidenzjali mistura.

28 F'dan il-każ, l-AHCC indikat, fid-deċiżjoni ta' xoljiment, li x-xoljiment tal-kuntratt ta' APA tar-rikorrent kienet immotivata mill-ksur tar-rabta ta' fiduċja bejn ir-rikorrent u l-Membru tal-Parlament Ewropew, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni.

29 F'dan ir-rigward, minn naħa, l-AHCC ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik parlamentari kkonċernat dwar il-ksur tar-rabta ta' fiduċja, l-AHCC għandha madankollu tiżgura li ir-raġuni hija bbażata fuq fatti ta' natura li jistgħu jiġu ġġustifikati b'mod plawżibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2019, RY vs Il-Kummissjoni, T-160/17, EU:T:2019:1, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Min-naħa l-oħra, jekk istituzzjoni li tiddeċiedi x-xoljiment ta' kuntratt ta' APA tirreferi, b'mod partikolari, għal telf ta' fiduċja li jwassal għad-deċiżjoni ta' xoljiment, il-qorti hija obbligata tivverifika jekk dan il-motiv huwiex plawżibbli. B'dan il-mod, il-qorti ma tissostitwixxix l-evalwazzjoni tal-awtorità kompetenti b'tagħha, li tqis li t-telf ta' fiduċja seħħ, iżda sempliċement tistħarreġ jekk ir-raġuni li minnhom toriġina d-deċiżjoni kkontestata mill-istituzzjoni hijiex ivvizzjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2013, L vs Il-Parlament, T-317/10 P, EU:T:2013:413, punt 70).

31 F'dan il-każ, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq telf ta' fiduċja li hija l-oriġini tad-deċiżjoni ta' xoljiment, il-Parlament jibbaża ruħu fuq fatti li jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni mhux iddikjarati. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk il-Parlament wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkunsidra li dawn il-fatti setgħu jikkawżaw it-telf ta' fiduċja invokat mill-Membru tal-Parlament Ewropew (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2013, L vs Il-Parlament, T-317/10 P, EU:T:2013:413, punt 76).

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Parlament ma jikkontestax, bħala tali, l-eżerċizzju tal-attivitajiet deskritti mir-rikorrent fin-nota tad-9 ta' Mejju 2016 li jikkonsistu fl-eżerċizzju ta' professjoni legali flimkien mal-funzjonijiet tiegħu ta' APA, jiġifieri:

– l-ewwel nett, it-talbiet għall-ażil politiku mal-awtoritajiet Russi, Franċiżi, Svizzeri u dawk ta' Andorra, biex jippermettu lill-Membru tal-Parlament Ewropew li jevita sentenza ta' priġunerija ta' erba' snin imposta [kunfidenzjali], inkluż appell kontra deċiżjoni ta' rifjut ta'ażil li tikkonċerna lil dan tal-aħħar li fil-konfront tagħha r-rikorrent jafferma, b'mod partikolari, li ingħata mandat mill-imsemmi Membru tal-Parlament;

– it-tieni nett, l-ikkanvassjar u r-rappreżentanza legali ta' ċittadini [kunfidenzjali] li huma rtirati jew li jirċievu paga minima, fil-kuntest ta' kawżi quddiem il-qrati [kunfidenzjali], sabiex dak il-Membru tal-Parlament jiġi ppreżentat bħala "attivist tad-drittijiet tal-bniedem" u trendi għalhekk l-inkarċerazzjoni tiegħu iktar diffiċli;

– it-tielet nett, ir-rappreżentazzjoni tal-istess Membru tal-Parlament quddiem l-Ombudsman Ewropew, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'każijiet dwar l-imsemmi Membru tal-Parlament, li jikkonċernaw, l-ewwel nett, b'mod partikolari, l-kontestazzjoni tat-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari mill-awtoritajiet [kunfidenzjali], wara s-sentenza ta' priġunerija imposta lill-Membru tal-Parlament kkonċernat [kunfidenzjali] u, fit-tieni lok, il-kontestazzjoni ta' arrest domiċiljarji ordnat mill-awtoritajiet ġudizzjarji [kunfidenzjali] wara proċeduri kriminali għall-korruzzjoni mibdija kontra l-Membru tal-Parlament ikkonċernat.

33 Għall-kuntrarju, fil-kuntest tar-risposta tiegħu għall-motiv ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni, il-Parlament jibbaża fuq in-nota tad-9 ta' Mejju 2016 li r-rikorrent kien jaf in-natura tal-attivitajiet esterni li wasslu għall-ksur tar-rabta ta' fiduċja. F'dan ir-rigward, mill-proċess ma jirriżultax li l-ksur tal-imsemmija rabta, kif imsemmi fid-deċiżjoni ta' xoljiment, seta' kien ikkawżat minn attivitajiet oħra bħal dawk invokati mill-Parlament sabiex jiġġustifika n-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni.

34 F'dan il-kuntest, għandu jiġi ddeterminat jekk, konformement mal-ġurisprudenza (ara l-punti 29 sa 31 iktar 'il fuq), l-eżerċizzju mir-rikorrent tal-attivitajiet esterni inkwistjoni setax jikkawża t-telf tar-rabta ta' fiduċja invokat mill-Membru tal-Parlament Ewropew u invokat mill-AHCC fid-deċiżjoni ta' xoljiment.

35 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, mill-atti tal-proċess jirriżulta li mhux biss il-Membru tal-Parlament Ewropew kien jaf bl-attivitajiet esterni inkwistjoni, iżda li, barra minn hekk, kien responsabbli direttament għalihom.

36 Qabel kollox, fir-rigward tal-kwistjonijiet li tressqu quddiem il-qrati [kunfidenzjali], jirriżulta mill-posta elettronika msemmija fin-nota tad-9 ta' Mejju 2016 u prodotti mir-rikorrent (l-Annessi A.3.3 u A.3.4 ta' dik in-nota), li l-Membru tal-Parlament Ewropew kien jissuperviżjona personalment l-organizzazzjoni tal-ikkanvassjar u r-rappreżentanza taċ-ċittadini [kunfidenzjali] kkonċernati fil-kuntest ta' dawn il-kawżi u, għaldaqstant, kien neċessarjament "konxju".

37 Din l-evalwazzjoni hija kkonfermata minn dikjarazzjoni fuq l-unur ta' persuna issolleċitata fil-kuntest tal-kawżi inkwistjoni (Anness A.3.5 tan-nota tad-9 ta' Mejju 2016), skont liema "[l-Membru tal-Parlament Ewropew] [spjega] lil hinn minn kull dubju li kawżi kienu mingħajr ħlas, u li l-[APA] kien jitħallas għal din il-missjoni permezz tal-allowances parlamentari [tiegħu]" u li, skont il-ftehim "orali" ma' dak il-Membru tal-Parlament "minflok ma jitħallsu għal kawżi proposti [minn dan il-Membru tal-Parlament] [il-persuna issolleċitata] għand[ha] tappoġġja pubblikament il-partit […] matul l-elezzjonijiet parlamentari, tipparteċipa fi programmi fuq it-televiżjoni u attivitajiet oħra tal-midja".

38 Sussegwentement, fir-rigward tar-rappreżentazzjoni tal-Membru tal-Parlament Ewropew quddiem qrati jew korpi Ewropej jew internazzjonali, ir-rikorrent ippreżenta prokuri li huwa jippreżenta bħala ffirmati mill-imsemmi Membru tal-Parlament (Annessi A.3.6 u A.3.7 tan-nota tad-9 ta' Mejju 2016), fatt li l-Parlament ma jikkontestax.

39 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ażil f'isem il-Membru tal-Parlament Ewropew, ir-rikorrent jindika li, fl-24 ta' Frar 2013, dak il-Membru tal-Parlament għamel dikjarazzjoni pubblika fuq it-televiżjoni [kunfidenzjali] fejn indika li, jekk il-qorti tal-appell tikkonferma l-piena ta' priġunerija li kienet ġiet imposta fuqu, huwa kien se jitlob ażil politiku fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, huwa jannetti artiklu tal-istampa li jikkorrobora din id-dikjarazzjoni (Anness A.3.19 tan-nota tad-9 ta' Mejju 2016). Barra minn hekk, huwa jiddeskrivi l-passi meħuda biex jiksbu ażil politiku għal dan il-Membru tal-Parlament, f'Andorra, fl-Isvizzera, fir-Russja, u fi Franza u jannetti l-biljetti tal-ajru li jikkorrispondu għal dawk id-destinazzjonijiet (Annessi A.3.15 sa A.3.18 ta' dik in-nota). L-ebda minn dawn id-dokumenti u dikjarazzjonijiet ma huma kkontestat mill-Parlament.

40 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Membru tal-Parlament Ewropew ma setax jinjora l-fatt li r-rikorrent kien jeżerċita professjoni legali flimkien mal-funzjonijiet tiegħu ta' APA, peress li, hekk kif jirriżulta mill-elementi tal-proċess, l-eżerċitar ta' tali funzjoni kienet tikkorrispondi mal-istruzzjonijiet tiegħu.

41 Fit-tieni lok, l-Artikolu 6(2) tal-miżuri ta' implimentazzjoni tat-Titolu VII tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, adottati permezz ta' deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament tad-9 ta' Marzu 2009 u emendati l-aħħar bid-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament tal-14 ta' April 2014, jipprevedi li l-Membru tal-Parlament responsabbli għandu "jinstema'", fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' attività esterna. Issa, xejn ma jindika li l-Membru Parlamentari Ewropew jinstema' mill-AHCC dwar "attivitajiet esterni" inkwistjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-istess Membru tal-Parlament ma setax jinjora li probabbilment dawn l-attivitajiet li jikkonsistu fl-eżerċizzju ta' professjoni legali fil-kuntest tad-difiża tal-interessi tiegħu stess ma kinux ġew iddikjarati mir-rikorrenti lill-AHCC skont l-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

42 Għalhekk, huwa manifestament żbaljat li l-Parlament jikkunsidra li l-assenza ta' dikjarazzjoni mir-rikorrent tal-attivitajiet esterni inkwistjoni seta' joħloq telf ta' fiduċja tal-Membru tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 139(1)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, filwaqt li l-imsemmi Membru tal-Parlament ma setax jinjora li dawn l-attivitajiet ma kinux s-suġġett ta' ebda talba għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

43 Barra minn hekk, jirriżulta min-nota tad-9 ta' Mejju 2016 u d-dikjarazzjoni ċċitata fil-punt 37 iktar 'il fuq li l-Membru tal-Parlament Ewropew ma setax raġonevolment jistenna li l-attivitajiet inkwistjoni, minħabba n-natura tagħhom, jinġiebu għall-attenzjoni tal-Parlament permezz ta' talba formali għal awtorizzazzjoni ta' attivitajiet esterni, skont l-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

44 Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Parlament Ewropew (ara l-punt 26 iktar 'il fuq), mill-proċess jirriżulta li r-raġuni ipprovduta mill-Membru tal-Parlament Ewropew sabiex jiġġustifika d-deċiżjoni ta' xoljiment, jiġifieri t-telf ta' fiduċja, ma tidhirx li hija plawżibbli. Għalhekk, meta sostniet it-talba għax-xoljiment tal-kuntratt ta' APA tar-rikorrent magħmula mill-imsemmi Membru tal-Parlament għal din ir-raġuni, l-AHCC wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

45 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jitqies fondat u għandhom jintlaqgħu t-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra, inkluż, id-disa' motiv, li l-ammissibbiltà tiegħu hija kkontestata.

Fuq it-talbiet għal kumpens

46 Fir-rikors, ir-rikorrent jitlob li l-Parlament jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali li huwa jqis li ġarrab.

47 Fir-risposta, il-Parlament isostni l-inammissibbiltà tat-talbiet għad-danni sa fejn dawn ma jirrispettawx ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fehma tiegħu, filwaqt li r-rikors jinkludi talba għad-danni, l-ebda argument ma ġie ppreżentat insostenn ta' din it-talba.

48 Ir-rikorrent, fir-replika, jenfasizza, b'mod partikolari, li huwa kien is-suġġett ta' atti ta' fastidju min-naħa tal-Membru Parlamentari Ewropew. F'dan ir-rigward, huwa qed jannetti rapport tas-smigħ tiegħu quddiem il-pulizija Belġjana dwar is-sekwestru fil-bini tal-Parlament (Anness A.3.14 tan-nota tad-9 ta' Mejju 2016), li tiegħu huwa jsostni li kien il-vittma.

49 Il-Parlament itenni fil-kontroreplika tiegħu li, skont il-ġurisprudenza, rikors intiż għall-kumpens għad-danni kkawżati minn istituzzjoni tal-Unjoni għandu jinkludi l-elementi li jippermettu li jiġi identifikat l-aġir li r-rikorrent jallega fil-konfront tal-istituzzjoni, ir-raġunijiet li għalihom huwa jqis li hemm rabta kawżali eżistenti bejn l-aġir u d-danni li huwa jallega li huwa ġarrab, kif ukoll in-natura u l-portata ta' dan id-danni. Issa, fir-rikors, ir-rikorrent ma indikax ir-raġunijiet li għalihom huwa jikkunsidra li teżisti rabta kawżali bejn l-aġir u d-danni li huwa jallega li ġarrab. Ir-rikors ma jsemmi xejn dwar in-natura u l-portata ta' dan id-danni.

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għall-kumpens tad-danni morali

50 Għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li mir-rikors jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar li, skont ir-rikorrent, id-deċiżjoni ta' xoljiment ikkawżatlu danni morali u, min-naħa l-oħra, li talba għal kumpens għal dawn id-danni kienu ikkwantifikati.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Parlament ma jistax jeċċepixxi l-inammissibbiltà tat-talbiet għad-danni peress li r-rikorrent ma kienx identifika b'mod preċiż in-natura u l-portata tad-danni li huwa jqis li ġarrab u r-raġunijiet li għalihom huwa jqis li teżisti rabta kawżali bejn l-aġir u l-imsemmi danni.

52 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-fatti li wasslu għall-fastidju invokati fir-replika, allegatament imputabbli lill-Membru tal-Parlament Ewropew, jistgħu jiġu sseparati mill-aġir illegali allegat kontra l-Parlament fit-talbiet għal annullament.

53 Issa, għalkemm it-talbiet għad-danni huma ammissibbli anki fl-assenza ta' talba mressqa minn qabel f'dan is-sens lill-amministrazzjoni, meta tkun teżisti rabta diretta bejn l-imsemmija talbiet u r-rikors għal annullament, dan ma japplikax meta d-danni allegat jirriżulta minn żbalji jew ommissjonijiet imwettqa mill-amministrazzjoni li huma separabbli mill-aġir imsemmi fir-rikors għal annullament. F'dan il-każ tal-aħħar, meta d-danni allegat ma jirriżultax mill-att li jintalab l-annullament tiegħu, iżda minn atti illegali jew ommissjonijiet allegatament imwettqa, il-proċedura prekontenzjuża għandha neċessarjament tibda b'talba għal kumpens għal dan id-danni indirizzata lill-amministrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2015, Gioria vs Il-Kummissjoni, F-82/14, EU:F:2015:108, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għad-danni tressqet għal atti ta' fastidju msemmija mir-rikorrent, matul il-proċedura prekontenzjuża, b'tali mod li, jekk ir-rikorrent jitlob kumpens għal atti ta' fastidju, din it-talba għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura prekontenzjuża.

55 Minn dak li ntqal jirriżulta li t-talbiet għad-danni huma ammissibbli biss sakemm dawn jirrigwardaw id-danni marbuta mad-deċiżjoni ta' xoljiment.

Fuq il-fondatezza tat-talba għal kumpens għad-danni morali marbuta ma' deċiżjoni ta' xoljiment

56 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tippresupponi l-eżistenza ta' numru ta' kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-illegalità tal-aġir allegat fil-konfront tal-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-danni u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir u d-danni invokati (ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, EU:C:1994:211, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 F'dan il-każ, qabelxejn, l-illegalità tal-aġir tal-Parlament ġiet ikkonstatata. Imbagħad, ir-raġuni għal deċiżjoni ta' xoljiment hija bbażata fuq pedament artifiċjali li seta' kkawża lir-rikorrenti sentiment ta' inġustizzja u minħabba dan il-fatt, ikkawża danni morali. Fl-aħħar nett, teżisti rabta bejn l-aġir tal-Parlament u d-danni invokati, li tirriżulta minn din id-deċiżjoni.

58 Madankollu, għal dak li jirrigwarda d-danni morali, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, l-annullament ta' att tal-amministrazzjoni kkontestat minn uffiċjal jikkostitwixxi fih innifsu kumpens adegwat u, bħala prinċipju, suffiċjenti għad-danni morali kollha li dan tal-aħħar seta' ġarrab u li t-talba għad-danni ma tkunx applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Frar 1990, Culin vs Il-Kummissjoni, C-343/87, EU:C:1990:49, punt 26, u tal-21 ta' Jannar 2004, Robinson vs Il-Parlament, T-328/01, EU:T:2004:13, punt 79).

59 Ċertament, il-qorti tal-Unjoni aċċettat xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola. L-ewwel nett, l-annullament tal-att illegali adottat mill-amministrazzjoni ma jistax jikkostitwixxi kumpens sħiħ għad-danni morali jekk dan l-att jinvolvi evalwazzjoni tal-kapaċitajiet jew tal-aġir tal-persuna kkonċernata li tista' tikkawżalha preġudizzju. It-tieni nett, l-annullament tal-att ikkontestat ma jistax jikkostitwixxi kumpens sħiħ għad-danni morali subiti, peress li l-illegalità mwettqa hija ta' gravità partikolari. It-tielet nett, ġie deċiż li l-annullament ta' att, meta mċaħħad minn kull effett prattiku, ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu kumpens adegwat u suffiċjenti għad-danni morali kollha kkawżati mill-att annullat (ara s-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2010, N vs Il-Parlament, F-26/09, EU:F:2010:17, punti 103, 105 u 107 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-5 ta' Lulju 2011, V vs Il-Parlament, F-46/09, EU:F:2011:101, punti 169, 171 u 173 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Madankollu, f'dan il-każ, ma jidhirx li r-rikorrent qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt 59 iktar 'il fuq. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-deċiżjoni ta' xoljiment ibbażata fuq nuqqas ta' rapportar ta' attivitajiet esterni ma fiha l-ebda evalwazzjoni dwar il-kapaċitajiet jew l-aġir tar-rikorrent li jista' jikkawżalu danni, it-tieni nett, l-illegalità mwettqa mill-Parlament ma hijiex ta' gravità partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza u, it-tielet nett, l-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ma hija bl-ebda mod nieqsa minn kull effett utli.

61 Minn dak kollu li ntqal preċedentement, jirriżulta li t-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

62 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

63 Peress li l-Parlament tilef, hemm lok li jiġi kkundannat jbati l-ispejjeż, skont it-talbiet tar-rikorrent f'dan is-sens.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tal-Parlament tal-24 ta' Ġunju 2016 dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assistent parlamentari akkreditat ta' L hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Gervasoni Madise da Silva Passos

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu fis-7 ta' Marzu 2019.

Firem